MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 23

(IT-TIENI PARTI)

25 ta' Frar 2021

Minuti tat-Tieni Parti tas-seduta Nru. 23 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret b'mod virtwali, nhar il-Ħamis 25 ta' Frar 2021 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu qed isegwu b'mod virtwali.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet u rrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## 1.1. Stqarrijiet Finanzjarji 2020 (F/1/2/Vol IX)

1.2.

1.2. Attenda għal din il-parti tas-seduta l-*accountant* is-Sur D. Galea sabiex jispjega l-*financial statements* imsemmija, li kopja tagħhom ġiet imqassma lill-kunsillieri qabel is-seduta. Ġie spjegat li l-i*Statement of Comprehensive Income* għall-2020 juri li kien hemm dħul rikorrenti ta' €1,434,404 kontra nefqa rikorrenti ta' €1,350,026 u hekk is-sena spiċċat b'bilanċ pożittiv ta' €84,969. Huwa spjega li dan l-bilanċ kien kontra x-xejra tas-snin preċedenti, wara li sar *accounting exercise* skont id-Direttiva 1/2017 li tirrigwarda l-metodu ta' deprezzament fuq l-assi permanenti. Permezz tagħha d-diprezzament beda jsir bi *straight line method,* minflok b'*reducing method,* b'effett mill-2018, iżda dan l-element ġie eliminat fl-istqarrijiet tal-2020.

1.3. Is-Sur D. Galea kompla jispjega li d-dħul mill-Gvern Ċentrali ammonta għal €1,362,599 u kien imqassam hekk:

| | |
|---|---|
| Allokazzjoni Annwali | €1,229,969 |
| Allokazzjoni Supplimentari | €69,136 |
| Proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea | €628 |
| Dħul Ieħor mill-Gvern | €62,866 |

1.4. L-Allokazzjoni Supplimentari tirrappreżenta l-ammont dovut lill-Wasteserv Malta Ltd oltra dak inkluż fl-Allokazzjoni Finanzjarja tal-2019, liema somma tħallset direttament mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Kien hemm dħul ta' €8,950 permess statutorjament li huwa

marbut ma' attivitajiet fil-beraħ, korsijiet, użu ta' faċilitajiet, permessi għat-tqegħid ta' *skips* eċċ. Kien hemm dħul ieħor mis-Sistema tal-Infurzar Lokali ta' €4,819.

1.5. Ġie spjegat li kien hemm tnaqqis 19.4% mid-dħul ta' natura ġenerali li ammonta għal €58,036, marbut mal-iskemi li tniedi d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Dan jinkludu fost oħrajn, kontribuzzjonijiet li rċieva l-Kunsill, bejgħ ta' kotba, kirjiet, ħruġ ta' permessi eċċ.

1.6. In-nefqa fuq il-pagi tal-impjegati, flimkien mal-onorarja u l-*allowances* tal-membri eletti kibret bi 13% minħabba żidiet statutorji li kien hemm f'dan ir-rigward.

1.7. F'dan li jirrigwarda n-nefqa fuq l-Operat u l-Manutenzjoni kien hemm żieda ta' 31.5% fl-ispiża tas-sena ta' qabel fuq Tiswijiet u Manutenzjoni, Dan kien ikkawżat miż-żieda fin-nefqa fuq manutenzjoni ta' toroq u bankini u s-sinjali tat-traffiku. Kien hemm tnaqqis ta' 3% f'dawk li huma servizzi kuntrattwali.

1.8. Fil-każ tan-Nefqa fuq l-Amministrazzjoni, is-Sur Galea spjega li ma kienx hemm id-deprezzament li kien hemm fl-2019 marbut mal-eżerċizzju msemmi fil-minuta 1.2 aktar 'l fuq. Fattur sinifikanti kien is-sospensjoni ta' attivitajiet kulturali minħabba l-pandemija Covid-19, filwaqt li fir-rigward tat-trasport fl-2019 kien hemm il-*minibus shuttle* ffinanzjata mill-Kunsill sakemm kien għaddej ix-xogħol fuq ir-rikostruzzjoni ta' Triq il-Marfa.

1.9. Iċ-ċaqlieq fl-assi permanenti għall-2020 kien jikkonsisti f'żieda ta' €78,753 marbuta ma' tisbiħ li fi Triq Sant' Anna / Triq Ġorġ Borg Olivier, u €4,529 kienu f'akkwist ta' għamara għall-uffiċċju, filwaqt li kien hemm tagħmir li inqata' mill-kotba li kellu valur ta' €4,529. F'dak li huwa stokk miżmum, kien hemm kotba li l-valur tagħhom huwa ta' €28,083.

1.10. Is-Sur D. Galea spjega li sal-aħħar tal-2020, il-Kunsill kien fadallu jdaħħal €203,145, li fil-parti l-kbira tiegħu huma marbuta mar-rikostruzzjoni ta' Triq il-Qortin, fejn il-pagamenti waqqfu minħabba kwistjoni bejn il-kuntrattur konċernat u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Flimkien ma' dawn hemm ammont ta' €171,387 li €117,281 minnhom huma meqjusa bħala *doubtful debts*, li fil-parti l-kbira tagħhom huma ċitazzjoni antiki mhux imħallsa.

1.11. Bħala *Cash and Cash Equivalent,* li effettivament huma flus iddepożitati fil-banek, kienu jammontaw għal €1,255,089. Bħala Self fuq Medda Twila ta' Żmien (*Long Term Borrowing*) tħallas l-aħħar pagament fuq it-tieni fażi tal-proġett dwar il-kisi mill-ġdid ta' Triq l-Armier. Sal-aħħar tal-2020, id-*Deferred Income* laħħaq €204,487, li prinċipalment jikkonsisti f'somom dovuti mill-Wasteserv (Malta) Ltd għat-*tipping fees*, ammont dovut minn Transport Malta dwar Triq il-Qortin u fondi Ewropej marbuta mar-restawr ta' ħitan tas-sejjieħ fit-Telgħa ta' Selmun.

1.12. Ġie spjegat li sa Diċembru 2020, il-Kunsill kien akkwista assi permanenti li l-valur oriġinali tagħhom kien jammonta €9,904,263, li fuq il-kotba kellhom value nett ta' €2,291,259. Kien hemm ukoll €508,508 x'jitħallsu lill-kredituri tal-Kunsill. Sar aċċenn li fl-aħħar tas-sena, il-Kunsill kellu bilanċ biżżejjed fil-banek biex jagħmel tajjeb għal dan id-dejn, peress li l-flus f'kontijiet bankarji kienu jammontaw għal €1,255,089, filwaqt li kien hemm debitu dovut lill-Kunsill ta' €203,145. Kien spjegat wkoll li ġiet irreġistrata żieda ta' €63,530 fil-flus miżmuma fil-kontijiet bankarji tal-Kunsill imqabbel ma' tas-sena ta' qabel. Dan kien ikkawżat minn nuqqas ta' attivitajiet kulturali minħabba il-Covid-19. Minħabba din ir-raġuni, il-indikatur finanzjarju għalaq fil-livell ta' 'il fuq minn 79.5%, meta dak tas-sena preċedenti kien ftit iktar minn 68%.

1.13. Il-Kunsill approva l-istqarrijiet finanzjarji u ddeċieda li dawn għandhom jiġu mgħoddija kif ippreżentati lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta ntemmet fis-7.30 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 16 ta' Marzu 2021 fis-6.00 pm.

| | |
|---|---|
| Dario Vella | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |